**Kulleġġ Santa Margerita**
**Eżamijiet ta' Nofs is-Sena 2014**

| **Il-Ħames Sena** | **Studji Soċjali** | **Ħin: Siegħa u Kwart** |
|---|---|---|

**Isem:** ________________________________ **Klassi:** __________

1. Aqra din l-informazzjoni dwar Simon.

Simon ġie magħżul minn sħabu biex ikun membru tal-Kunsill Skolastiku. Bħala membru f'dan il-grupp Simon irid ikun jaf jagħraf x'inhuma d-dmirijiet u d-drittijiet tiegħu.

**Wieġeb billi tikteb DMIR jew DRITT ħdejn kull waħda minn dawn.**
(L-ewwel waħda hija mmarkata bħala eżempju.)

a) Jattendi għal-laqgħat. DMIR

b) Jgħin lill-membri oħra f'dan il-grupp. __________

ċ) Ikun infurmat b'dak kollu li jkun qed isir. __________

d) Jagħti s-sehem tiegħu fl-attivitajiet. __________

e) Jisma' l-ideat u l-opinjonijiet ta' ħaddieħor. __________

f) Jiġi rrispettat mill-membri l-oħra. __________

ġ) Suġġerimenti tiegħu jiġu mismugħa. __________

g) Iżomm komunikazzjoni mat-tfal kollha tal-iskola. __________

għ) Jaħdem f'ambjent ħieles minn kull periklu. __________



(1 marki x 8 = 8 marki)

**2. Kompli dawn is-sentenzi billi tagħżel l-aħjar żewġ tweġibiet.**

| | |
|---|---|
| biex ilaħħaq ix-xogħol kollu. | biex ma jismax tgergir. |
| biex ikun dejjem aktar popolari ma' sħabu. | jikseb riżultati tajbin. |

a) Simon jaħdem bis-serjetà biex ________________________________.

b) Iqassam ix-xogħol tiegħu sewwa ________________________________.

(1 marki x 2 = 2 marki)

**3. Imla l-vojt bil-kliem mogħti taħt.**

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| **velenużi** | naturali | użati | ħamrija | xtieli | żibel |



L-Unjoni Ewropeja tħeġġiġna biex inżommu l-ambjent ta' madwarna nadif u nieqes mill-perikli. Meta narmu l-batteriji użati maż-__________ inkunu qegħdin nagħmlu ħafna deni lill-ambjent __________. Dan għaliex mill-batteriji joħorġu kimiċi aċitużi u **velenużi** li jitħalltu mal-ilma tax-xita. Dawn il-kimiċi mhux biss jagħmlu ħsara lill-ħlejjaq u lix-__________ iżda jistgħu jkunu ta' ħsara kbira għalina wkoll. Dan għax il-kimiċi jistgħu jikkontaminaw u jivvelenaw il-__________ fejn il-bidwi jiżra' l-prodotti tiegħu. Biex innaqqsu dan il-periklu hemm kampanja nazzjonali għall-ġbir tal-batteriji __________.

(1 marka x 5 = 5 marki)

4. Ms Darmanin, l-għalliema tal-Ħames Sena tal-Primarja, ħadet lill-istudenti għal mixja ġewwa r-Riserva Naturali tal-Għadira.



**Kompli dawn it-tliet (3) sentenzi biex tgħid kif l-istudenti jistgħu jħarsu l-ambjent naturali ta' dan il-post.**

a) Waqt li t-tfal bdew mexjin huma qagħdu attenti li ma jirfsux fuq ____________
_______________________________________________________________.

b) Wara waqfa qasira biex jieklu u jixorbu, it-tfal kollha qagħdu attenti li ma jħallux
________________________________________________________________
_______________________________________________________________.

ċ) It-tfal żammew il-kwiet biex ma jbeżżgħux u ma jtellfux lill-_________________
_______________________________________________________________.

(2 marka x 3 = 6 marki)

5. **Qabbel ix-xogħol ta' dawn in-nies li ġejjin billi timla n-numru fil-kaxxi l-vojta.**
(L-ewwel waħda mmarkata bin-numru **1** hija mogħtija bħala eżempju)

| | | | |
|---|---|---|---|
| 1 | Pulizija | | Jagħtina pariri spiritwali |
| 2 | Kunsillier | | Jara kif jista' jsebbaħ il-lokal |
| 3 | Tabib | | Jgħinna fl-edukazzjoni tagħna |
| 4 | Qassis | | Jgħin biex jikkontrolla s-sewwieqa |
| 5 | Għalliem | **1** | Jara li jitħarsu l-liġijiet |
| 6 | Gwardjan Lokali | | Jagħtina pariri għal saħħitna |

(1 marki x 5 = 5 marki)

6. **Aqra, imbagħad wieġeb.**

Dakinhar ta' Jum l-Isport Joseph ħassu ferħan se jtir. Kien kuntent li l-għalliema tal-Edukazzjoni Fiżika għażlitu biex jieħu sehem fit-tiġrija tal-mitt metru. Sieħbu David ma ġiex magħżul u għalkemm kien diżappuntat xorta kien sejjer jara lil Joseph flimkien mal-bqija tal-klassi u l-għalliema tagħhom. Waqt it-tiġrija, David u t-tfal l-oħra tal-klassi għajtu kemm felħu biex Joseph jagħmel kuraġġ u jagħti ħiltu kollha biex jirbaħ xi midalja.



a) Għalfejn taħseb li Joseph kien kuntent meta ġie magħżul biex jieħu sehem fit-tiġrija tal-mitt metru?

____________________________________________________

________________________________________________. (2 marki)

b) Għalfejn taħseb li David ħassu diżappuntat meta ma ġiex magħżul?

____________________________________________________

________________________________________________. (2 marki)

ċ) X'jurina minn din is-silta li David ma kienx jgħir għal Joseph?

____________________________________________________

________________________________________________. (2 marki)

d) X'taħseb li għandu jagħmel David jekk sieħbu Joseph ma jirbaħx it-tiġrija?

____________________________________________________

________________________________________________. (2 marki)

(2 marki x 4 = 8 marki)

**7. Ikteb sentenza fuq il-belt tal-Birgu u oħra fuq il-belt tal-Imdina.**

Il-Birgu - ____________________________________________

____________________________________________.

L-Imdina - ____________________________________________

____________________________________________.

(2 marki x 2 = 4 marki)

**8. Wieġeb billi taqta' sinjal taħt it-tweġibiet it-tajbin.**

1. L-Imdina kienet (iżgħar, akbar, ogħla) milli hi llum.
2. Il-Kavallieri marru joqogħdu (d-Domus Romana, il-Birgu, l-Imdina).
3. Ħafna nies (foqra, nobbli, anzjani) marru joqogħdu l-Imdina.
4. Il-Katidral iddedikat lill-Konverżjoni ta' San Pawl insibuh (qrib il-gżejjer ta' San Pawl, l-Isla, l-Imdina).
5. L-ibliet qodma tal-Birgu, l-Imdina u ċ-Ċittadella f'Għawdex huma kollha (mdawrin bis-swar, mibnija ġo wied, magħluqin għall-pubbliku).
6. Parti mill-Birgu tmiss ma' (Bormla, l-Ewropa, Marsaxlokk).
7. (Mattia Preti, Lorenzo Gafa` , San Lawrenz) kien l-perit li għamel il-pjanta tal-knisja tal-Birgu.
8. (Il-forti Sant' Anġlu, Il-Monument tal-Ħelsien, Il-Palazz tal-Inkwiżitur) jinsab fil-ponta tal-Birgu.
9. Iċ-Ċittadella tagħmel parti (mir-Rabat Għawdex, mit-Turkija, minn peniżola).

(marka 1 x 9 = 9 marki)

**9. Wieġeb dwar il-lokal tiegħek billi tikteb VERU jew FALZ fil-kaxxi.**
(L-ewwel waħda mmarkata bin-numru **1** hija mogħtija bħala eżempju)

Ikteb l-isem tal-Belt jew Raħal tiegħek ___________________________________

| | | |
|---|---|---|
| 1 | Il-Belt jew raħal tiegħek jinsab qrib il-bajja ta' Għajn Tuffieħa. | **FALZ** |
| 2 | Il-popolazzjoni tal-belt jew raħal tiegħek hija inqas minn elfejn. | |
| 3 | Il-belt jew raħal tiegħek imiss mal-baħar. | |
| 4 | Il-parroċċa hija ddedikata lill-Madonna. | |
| 5 | Il-belt jew raħal tiegħek għandu Kunsill Lokali. | |
| 6 | Fil-belt jew raħal tiegħek kienu jgħixu l-kavallieri. | |
| 7 | Fil-belt jew raħal tiegħek ma tarax bini antik. | |
| 8 | F'din il-belt jew raħal ma ssibx postijiet ta' rikreazzjoni. | |
| 9 | Il-belt jew raħal tiegħek jagħmel parti mill-Kottonera. | |
| 10 | Il-kulur aħmar jinsab fuq l-arma ta' din il-belt jew raħal. | |
| 11 | Fil-belt jew raħal tiegħek m'hemmx skola Primarja. | |

(marka 1 x 10 = 10 marki)

**10. Ikteb sentenza fuq il-belt jew raħal tiegħek biex tagħti ftit tagħrif dwar:**

- Il-Knisja:_______________________________________

_____________________________________________

- L-iskola:________________________________________

_____________________________________________

- Monument:______________________________________

_____________________________________________



(2 marki x 3 = 6 marki)

Semmi **żewġ** (2) affarijiet fir-raħal tiegħek li żviluppaw matul iż-żmien:

1.______________________________ 2.______________________________

Semmi **żewġ** (2) affarijiet fir-raħal tiegħek li ma nbidlux matul iż-żmien:

1.______________________________ 2.______________________________

(nofs marka x 4 = 2 marki)

**11. Għaqqad dawn is-sentenzi billi tikteb in-numru fil-kaxxi l-vojta.**

(L-ewwel waħda mmarkata bin-numru **1** hija mogħtija bħala eżempju)

| | | | |
|---|---|---|---|
| **1** | **Il-mezzi ta' komunikazzjoni jgħinu** | | permezz tal-mezzi tal-informatika. |
| 2 | Il-Caritas u d-Dar tal-Providenza | | jekk ma niħdux ħsieb il-wirt storiku. |
| 3 | Jekk xi ħadd iġib ruħu ħażin ikun | **1** | **biex jgħaqqdu 'l-pajjizi ma' xulxin.** |
| 4 | Illum nistgħu nitgħallmu minn xulxin | | jista' joħloq aċċident. |
| 5 | It-turiżmu f'pajjiżna jista' jonqos | | qiegħed iħalli effett ħażin madwaru. |
| 6 | Sewwieq li juża' l-mowbajl waqt li jsuq | | jagħtu għajnuna lil nies fil-bżonn. |

( 1 marka x 5 = 5 marki)

12. **Ikteb dwar ir-rwol tiegħek biex tgħin fis-soċjeta` bħala ĊITTADIN TAJJEB billi tagħti ŻEWĠ (2) EŻEMPJI TA' IMĠIBA TAJBA fuq kull waħda minn dawn.** (L-ewwel waħda hija maħduma bħala eżempju.)

| | |
|---|---|
| 1) Ambjent nadif. | 2) L-anzjani u nies bi bżonnijiet speċjali. |
| **a. Ma narmix karti barra** | a. |
| **b. Nissepara l-iskart** | b. |
| 3) Turisti li jżuru Malta. | 4) Għaqda li hemm fil-lokal tiegħek. |
| a. | a. |
| b. | b. |
| 5) Tfal minn pajjiżi differenti. | 6) In-nies li jieħdu ħsiebi. |
| a. | a. |
| b. | b. |

(2 marki x 5 = 10 marki)

